27 ta' Lulju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Nikola Falzon

## Pussess ta' Oġġetti tal-Kuruna — Elementi Meħtieġa — Art. 304 tal-Kodiċi Kriminali

*Biex l-imputat jiġi ritenut ħati tar-reat ta' pussess ta' oġġetti ta' proprjetà tal-Kuruna taħt l-art. 304 tal-Kodiċi Kriminali, jeħtieġ li jikkonkorru dawn l-elementi:— 1. Pussess ta' xi oġġett li jkollu marka jew sinjal li juri li hu proprjetà tal-Kuruna, jew oġġett li l-possessur tiegħu jkun jaf li hu tal-Kuruna; 2. illi l-Awtorità kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wieħed jista' jiddisponi mill-oġġett; 3. illi l-possessur jonqos milli jagħti kont soddisfaċenti ta' kif l-oġġett ikun ġie għandu.*

*In-nuqqas ta' anki wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, kif stabbilit mill-provi ikun ta' ostakolu għall-verifikazzjoni tar-reat; għaldaqstant, il-fatt stabbilit fis-sentenza tal-Maġistrat, li l-Imputat kien fil-pussess ta' oġġetti tal-Kuruna bil-marka tal-Kuruna, ma jikkostitwix dan ir-reat, billi jonqsu f'dak il-fatt ir-rekwiżiti tan-nuqqas ta' permess bil-miktub mill-Awtorità kompetenti u n-nuqqas ta' kont soddisfaċenti tal-pussess mill-imputat. Liema fatt il-Qorti tal-Appell, bħala Qorti ta' reviżjoni tal-proċess quddiem l-Ewwel Qorti, ma tistgħax tabbanduna a preġudizzju tal-imputat, anki fil-każ li l-provi kienu juruħ xort'oħra.*

Il-Qorti; — Rat ir-rikors tal-imputat, li biħ appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tas-16 ta' Mejju 1957, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-imputat ġie misjub ħati li kien fil-pussess ta' oġġetti proprjetà tal-Kuruna bil-marki tal-Kuruna, u ġie kundannat għall-multa ta' £5;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi hemm stabbilit fis-sentenza appellata, bħala bażi tal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti għall-ħtija tal-imputat taħt l-art. 304 tal-Kodiċi Kriminali, ċitat minn dik il-Qorti, illi huwa "kien fil-pussess ta' oġġetti ta' proprjetà tal-Kuruna bil-marki tal-Kuruna";

Illi għar-responsabilità taħt l-imsemmi art. 304 hu meħtieġ li jikkonkorru dawn l-elementi:— (1) Pussess ta' xi oġġett indikat fl-art. 303, jew ta' xi oġġett li jkollu marka jew sinjal li juri li hu proprjetà tal-Kuruna, jew oġġett li l-possessur tiegħu jkun jaf li hu tal-Kuruna; (2) Illi l-Awtorità kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wieħed jista' jiddisponi mill-oġġetti; (3) Illi l-possessur jonqos milli jagħti kont soddisfaċenti ta' kif l-oġġett ikun ġie għandu. In-nuqqas ta' anki wieħed minn dawn ir-rewiżiti fil-fatt, kif stabbilit mill-provi, ikun ta' ostakolu għall-verifikazzjoni tar-reat;

Illi l-fatt kif stabbilit fis-sentenza appellata, ċjoè dak li l-imputat kien fil-pussess ta' oġġetti tal-Kuruna bil-marka tal-Kuruna, ma jikkostitwix ir-reat li tiegħu l-imputat ġie misjub ħati, billi jonqsu f'dak il-fatt it-tieni u t-tielet rekwiżit tal-imsemmi art. 304, ċjoè n-nuqqas ta' permess bil-miktub tal-awtorità u n-nuqqas ta' kont soddisfaċenti tal-pussess mill-imputat. L-imputat, għalhekk, ma jistax jinsab ħati ta' reat li mhux sostnut mill-fatt kif stabbilit mill-Ewwel Qorti; liema fatt din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tal-proċess quddiem l-Ewwel Qorti, ma tistax tabbanduna a preġudizzju tal-appellant, anki fil-każ li l-provi kienu juruħ xort'oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputat mhux ħati, u tilliberah.